# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 15 ta’ Frar tas-sena 2001.**

**Numru 4**

**Avviz numru 734/00/SM**

**Peter Attard**

**vs**

**Norman u Maria Anna konjugi Bezzina**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (LM400) bilanc minn somma akbar, prezz ta' xoghol u materjal ezegwit mill-attur fi Plot 10, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi fuq inkarigu taghhom stess;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Frar 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-8 ta’ Frar 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-30 ta' Novembru tas-sena 2000 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**